MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 546/2014

**Regus Malta Management Limited (C43551)**

***kontra***

**Bunker Supplies Malta Limited (C44658), Paul Hili (501758M) u Angela Maria Hili (353258M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-23 ta` Gunju 2014 li jaqra hekk–

*Illi l-esponenti hija kreditrici tal-konvenuta Bunker Supplies Malta Limited fis-somma ta` tletin elf, hames mija u tmenin Euro u erbgha u sittin centezmu (€30,580.64) rapprezentanti office services, spejjez, debiti u servizzi ohra ancillari skont Office Service Agreemetn datat 1 ta` Marzu 2011 (Dokument "A") u skrittura ta` rikonoxximent ta` debitu datata 31 ta` Ottubru 2013 (Dokument "B") oltre l-imghaxijiet bl-oghla rata skont il-ligi mill-1 ta` Marzu 2013 sad-data tal-hlas effettiv.*

*Illi permezz ta` skrittura ohra datata 6 ta` Jannar 2014 (Dokument "C") il-konvenuti Paul Hili u Angela Maria Hili ntrabtu personalment bhala garanti solidali flimkien mal-konvenuta l-ohra Bunker Supplies Malta Limited ghall-hlas tad-debiti kollha taghha favur l-esponenti.*

*Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi, inkluz permezz ta` ittra ufficjali datata 21 ta` April 2014 (Dokument "D") sabiex ihallsu l-ammont dovut minnhom huma baqghu inadempjenti.*

*Illi jirrikorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billli safejn taf l-esponenti, il-konvenuti m`ghandhomx eccezzjonijiet x`jaghtu kontra t-talbiet taghha.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddeciedi skont it-talbiet bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta` Malta;*

*2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-esponenti s-somma ta` tletin elf, hames mija u tmenin Euro u erbgha u sittin centezmu (€30,580.64) rapprezentanti office services, spejjez, debiti u servizzi ohra ancillari kif hawn fuq spjegat, oltre l-imghaxijiet bl-ghola rata skont il-ligi mill-1 ta` Marzu 2013 sad-data tal-hlas effettiv.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontral-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienu ndikati mill-kumpannija attrici u d-dokumenti li kienu annessi mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta` Gunju 2014 fejn appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta` Lulju 2014 fid-09:00am.

Rat illi l-konvenuti kollha kienu debitament notifikati skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat illi ghalkemm il-konvenuti ssejhu diversi drabi biex jidhru ghall-udjenza tal-lum, hadd minnhom ma deher.

Rat l-Art. 167 et sequitur tal-Kap. 12.

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-konvenuti, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh u qieghda tikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-kumpannija attrici s-somma ta` tletin elf, hames mija u tmenin Euro u erbgha u sittin centezmu (€30,580.64) rapprezentanti office services, spejjez, debiti u servizzi ohra ancillari, bl-imghaxijiet kif mitluba. Tikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom sabiex ihallsu l-ispejjez kollha tal-kawza.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------